2024/3212

23.12.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/3212

tat-12 ta' Diċembru 2024

li tistabbilixxi d-data għat-tneħħija tal-kontrolli fuq persuni fil-fruntieri interni fuq l-art ma' u bejn ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tal-2005, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) L-Artikolu 4(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2005 tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija jipprevedi li d-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen mhux imsemmija fl-Artikolu 4(1) ta' dak l-Att għandhom japplikaw biss f'kull wieħed minn dawk l-Istati Membri skont deċiżjoni tal-Kunsill għal dan l-għan, wara verifika f'konformità mal-proċeduri ta' evalwazzjoni ta' Schengen applikabbli, li l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-partijiet kollha tal-*acquis* ikkonċernati jkunu ġew issodisfati f'dawk l-Istati Membri.

(2) Permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2024/210 ([2]), il-Kunsill, wara verifika li l-kundizzjonijiet meħtieġa kienu ntlaħqu, għamel id-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen mhux imsemmija fl-Artikolu 4(1) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2005, kif elenkati fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni, applikabbli għall-Bulgarija u r-Rumanija mill-31 ta' Marzu 2024, u, għal raġunijiet tekniċi u operazzjonali, tneħħew bħala l-ewwel stadju ta' kontrolli fuq persuni fil-fruntieri interni tal-ajru u tal-baħar ma' u bejn il-Bulgarija u r-Rumanija minn dik id-data.

(3) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni oħra mill-Kunsill filwaqt li jaġixxi skont l-Artikolu 4(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2005, li jistabbilixxi data għat-tneħħija tal-kontrolli fuq persuni fil-fruntieri interni tal-art ma' u bejn il-Bulgarija u r-Rumanija.

(4) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ([3]) ta' Schengen, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punti B, C, D u F, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE ([4]).

(5) Fir-rigward tal-Iżvizzera, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ([5]) ta' Schengen li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punti B, C, D u F, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE ([6]).

([1]) ĠU C 380 E, 11.12.2012, p. 160.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/210 tat-30 ta' Diċembru 2023 dwar l-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija (ĠU L, 2024/210, 4.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/210/oj).
([3]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).
([5]) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.
([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).

(6) Fir-rigward tal-Liechtenstein, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ([7]) ta' Schengen li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punti B, C, D u F, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE ([8]),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Mill-1 ta' Jannar 2025, il-kontrolli fuq persuni fil-fruntieri interni fuq l-art ma' u bejn il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom jitneħħew.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

PINTÉR S.

([7]) ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

([8]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).